



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



6328/14

(OR. en)

PRESSE 62
PR CO 4

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

3292 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ġenerali

Brussell, 11 ta' Frar 2014

President

Evangelos Venizelos

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/press>

6328/14

1
MT

Riżultati ewlenin tal-Kunsill

Tħejija għall-Kunsill Ewropew ta' Marzu

Il-Kunsill eżamina abbozz ta' aġenda annotata għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li għandha ssir fl-20 u l-21 ta' Marzu. Il-Kunsill Ewropew li jmiss ser jiffoka fuq il-politika ekonomika: huwa ser jinkludi l-ewwel fażi tas-Semestru Ewropew, jiddiskuti l-kompetittività industrijali u jagħmel dibattitu dwar l-abbozz ta' qafas għall-klima u l-enerġija bejn l-2020 u l-2030. Il-mexxejja ser jiddiskutu wkoll l-istat tat-tħejjijiet għas-summit li jmiss bejn l-UE u l-Afrika.

Qamħirrum ġenetikament modifikat

Il-Kunsill ma setax jikseb maġġoranza kwalifikata favur jew kontra proposta tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni ta' qamħirrun 1507 ġenetikament modifikat, li huwa reżistenti għal ċerti insetti (friefet ta' ħsara). "Il-Preżidenza Ellenika timpenja ruħha li tagħmel dibattitu dwar l-OĠM fil-Kunsill Ambjent", qal il-president tal-Kunsill, Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Greċja, is-Sur Venizelos.

F'konformità mar-regoli applikabbli, issa l-Kummissjoni hija inkarigata biex tawtorizza l-qamħirrun 1507.

Svizzera

Il-Kunsill iddiskuta r-riżultati tal-vot popolari Svizzeru reċenti dwar l-inizjattiva "kontra l-immigrazzjoni tal-massa". Huwa enfasizza li l-introduzzjoni ta' kwoti fuq l-immigrazzjoni minn ċittadini tal-UE tmur kontra l-prinċipju tal-moviment liberu ta' persuni bejn l-UE u l-Isvizzera kif stabbilit fil-ftehim bilaterali fis-seħħ.

*Mingħajr diskussjoni, il-Kunsill adotta dan li ġej: **il-ħatra ta' Sabine Lautenschläger bħala Viċi President tal-bord superviżorju tal-BĊE, tnaqqis ta' emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda u direttivi għar-riforma fl-akkwist pubbliku.***

WERREJ¹**PARTEĊIPANTI 5****PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**

Programm tal-Presidenza	7
Tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Marzu.....	7
Qamħirrum ġenetikament modifikat.....	7
Affarijiet oħra.....	8
Svizzera	8
Diżastri naturali fis-Slovenja, il-Kroazja u l-Greċja	8
Il-Baħar l-Iswed	9
Reġjun Adrijatiku u Joniku	9

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*AFFARIJIET ĠENERALI*

– Programm Erkole III għall-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni ta' flus il-kontribwenti*.....	10
– UE - Svizzera: Moviment liberu ta' persuni - Kroazja.....	10

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Bank Ċentrali Ewropew	11
– Kalkolu tal-aġġustament għar-riskju: Il-Kunsill mhuwiex biĥsiebu joġġezzjona għall-att iddelegat.....	11

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew rizzoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill (<http://www.consilium.europa.eu>).
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJJIET INTERNI

- Ftehim dwar ir-riammissjoni bejn l-UE u l-Azerbajġan 11
- Europol - Ħatra ta' Viċi Direttur 11
- Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil 12

PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

- Programm tal-konsumaturi għall-2014-2020 12

AMBJENT

- Emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda 13

SUQ INTERN

- Riforma tal-akkwist pubbliku 13
- Prodotti għall-bini 14

POLITIKA KUMMERĊJALI

- Antidumping - Diċjandjammidu - Ċina 14
- Sistema ta' preferenzi ġeneralizzati - El Salvador, Gwatemala u Panama 14
- Oġġetti b'użu doppju 15

UNJONI DOGANALI

- Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Armi tan-Nar 15

AGRIKOLTURA

- Xorb spirituż - Emenda tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi 15

TRASPORT

- Operazzjonijiet tal-ajru ta' operaturi ta' pajjiżi terzi - rekwiżiti u proċeduri 16

TRASPARENZA

- Aċċess pubbliku għad-dokumenti 16

ĦATRIET

- Kumitat tar-Regġuni 17
- Kumitat skont l-Artikolu 255 17

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sur Didier REYNDERS

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ Estern u l-Affarijiet Ewropej

Bulgarija:

Is-Sur Kristian VIGENIN

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Lubomír ZAORÁLEK

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Danimarka:

Is-Sur Martin LIDEGAARD

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Ġermanja:

Is-Sur Michael ROTH

Ministru tal-Istat fl-Uffiċċju Federali tal-Affarijiet Barranin

Estonja:

Is-Sur Matti MAASIKAS

Rappreżentant Permanenti

Irlanda:

Is-Sur Paschal DONOHOE

Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej (Dipartimenti tat-Taoiseach u tal-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ)

Greċja:

Is-Sur Evangelos VENIZELOS
Is-Sur Dimitrios KOURKOULAS

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin

Spanja:

Is-Sur Íñigo MÉNDEZ DE VIGO Y MONTOJO

Segretarju tal-Istat għall-Unjoni Ewropea

Franza:

Is-Sur Thierry REPENTIN

Ministru b'responsabbiltà għall-Affarijiet Ewropej, marbut mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Kroazja:

Is-Sinjura Vesna PUSIĆ

L-Ewwel Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Affarijiet Ewropej

Italja:

Is-Sur Enzo MOAVERO MILANESI

Ministru responsabbli għall-Affarijiet Ewropej

Ċipru:

Is-Sur Ioannis KASOULIDES

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Latvja:

Is-Sur Edgars RINKĒVIČS

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Litwanja:

Is-Sur Vytautas LEŠKEVIČIUS

Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin

Lussemburgu

Is-Sur Jean ASSELBORN

Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, Ministru għall-Asil u l-Immigrazzjoni

Ungerija:

Is-Sinjura Enikő GYŐRY

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet tal-UE, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Malta:

Is-Sur Louis GRECH

Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali

Pajjiżi l-Baxxi:

Is-Sur Frans TIMMERMANS

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Awstrija:

Is-Sur Sebastian KURZ

Ministru Federali tal-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali

Polonja:

Is-Sur Piotr SERAFIN

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Portugall:

Is-Sur Bruno MAÇÃES

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Rumanija:

Is-Sur George CIAMBA

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Slovenja:

Is-Sur Igor SENČAR

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Slovakkja:

Is-Sur Peter JAVORČÍK

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Finlandja:

Is-Sur Alexander STUBB

Ministru tal-Affarijiet Ewropej u l-Kummerċ Barrani

Svezja:

Is-Sinjura Birgitta OHLSSON

Ministru tal-Affarijiet tal-UE

Renju Unit:

Is-Sur David LIDINGTON

Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth

Kummissioni:

Is-Sur Maroš ŠEFČOVIČ

Viċi President

Is-Sur Tonio BORG

Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Programm tal-Presidenza

F'sessjoni pubblika, il-Presidenza Ellenika ppreżentat il-programm ta' ħidma tagħha għal matul il-mandat tagħha (Jannar sa Ġunju 2014). Dan ġie segwit minn skambju ta' fehmiet fi ħdan il-Kunsill.

Thejijja għall-Kunsill Ewropew ta' Marzu

Il-Kunsill eżamina abbozz ta' aġenda annotata għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li għandha ssir fl-20 u l-21 ta' Marzu ([5153/14](#)).

Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa huwa mistenni li jiffoka fuq:

- it-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi; il-Kapijiet ta' Stat jew ta' gvern huma mistennija jikkonkludu l-ewwel fażi tas-Semestru Ewropew; jiddiskutu l-kompetittività indusrijali filwaqt li bħala bażi jużaw il-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar is-suġġett; u jagħmlu l-ewwel dibattitu ta' orjentazzjoni dwar qafas għall-klima u l-enerġija fil-perijodu mill-2020 sal-2030.
- Relazzjonijiet esterni: il-mexxejja ser iħarsu lejn l-istat ta' tħejjijiet għas-summit li jmiss bejn l-UE u l-Afrika u ser ikollhom dibattitu ta' orjentazzjoni approfondit dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika.

Il-Kunsill ser ikollu diskussjoni oħra, abbażi tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Marzu 2014

Qamhrrum ġenetikament modifikat

Ġiet ippreżentata lill-Kunsill, għall-adozzjoni, proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni ta' qamhrrun 1507 ġenetikament modifikat, li huwa reżistenti għal ċerti insetti (friefet ta' ħsara) ([16120/13](#)).

Ma ntlaħaq l-ebda qbil la favur u lanqas kontra l-awtorizzazzjoni.

Wara li ntbagħtet applikazzjoni inizjali għall-awtorizzazzjoni tal-qamhrrun 1507, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ġiet ikkonsultata kif previst bid-Direttiva 2001/18. L-EFSA ħarġet diversi opinjonijiet xjentifiċi favorevoli li skonthom it-tqegħid fis-suq tal-qamhrrun 1507 mhuwiex probabbli li jkollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali jew fuq l-ambjent.

Abbażi ta' dak, il-Kummissjoni Ewropea fasslet proposta għall-awtorizzazzjoni tal-qamħirrun u ppreżentatha lill-kumitat regolatorju (il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali (SCoFCAH). Fil-laqgħa tiegħu ta' Frar 2009, SCoFCAH ma setax jikseb il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa biex jagħti opinjoni favur jew kontra l-awtorizzazzjoni proposta mill-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' opinjoni l-Kunsill kien inkarigat biex jaġixxi fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni fi żmien tliet xhur (li jibda mit-12 ta' Novembru 2013).

Issa li l-Kunsill ma setax jikseb maġġoranza kwalifikata favur jew kontra l-proposta, il-Kummissjoni hija inkarigata biex tawtorizza l-qamħirrun 1507.

Affarijiet oħra

Svizzera

Il-Kunsill kellu diskussjoni dwar ir-riżultati tal-vot popolari Svizzeru reċenti dwar l-inizjattiva "kontra l-immigrazzjoni tal-massa". Il-ministri ġew aġġornati mill-Presidenza u mill-Kummissjoni u semgħu analiżi legali inizjali mis-servizz legali tal-Kunsill. Il-Kunsill enfasizza li l-introduzzjoni ta' kwoti fuq l-immigrazzjoni minn ċittadini tal-UE tmur kontra l-prinċipju tal-moviment liberu ta' persuni bejn l-UE u l-Isvizzera kif stabbilit fil-ftehim bilaterali fis-seħħ.

Fi tmiem id-dibattitu, il-Presidenza għamlet id-dikjarazzjoni li ġejja f'isem il-Kunsill:

"Il-Kunsill tal-UE jirrispetta l-proċedura demokratika interna tal-Isvizzera u l-eżitu tar-referendum. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jistenna li l-konfederazzjoni Svizzera tonora l-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-ftehimiet u t-trattati tagħha mal-Unjoni Ewropea jew fil-qafas tad-dritt internazzjonali pubbliku. L-erba' libertajiet fundamentali huma parti integrali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Isvizzera. Iżda s-suq intern u l-erba' pilastru tiegħu huma indiviżibbli."

Diżastri naturali fis-Slovenja, il-Kroazja u l-Greċja

Id-delegazzjoni Slovena, Kroata u dik Griega informaw lill-Kunsill dwar id-diżastri naturali fpajjiżhom. Is-Slovenja u partijiet mill-Kroazja sofrew minn qerda kbira, kkawżata minn tempesta estrema tas-silġ u xita bis-silġ. Il-gżira Griega ta' Cephalonia ntlaqtet minn terremot b'saħħtu.

Il-Baħar l-Iswed

Id-delegazzjoni Rumena informat lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-konferenza dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija l-blu tal-Baħar l-Iswed li saret f'Bukarest fit-30 ta' Jannar.

Reġjun Adrijatiku u Joniku

Il-presidenza ppreżentat l-eżitu tal-konferenza ta' livell għoli dwar ir-reġjun Adrijatiku u Joniku li saret f'Ateni l-ġimgħa l-oħra.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI**AFFARIJJIET ĠENERALI****Programm Erkole III għall-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni ta' flus il-kontribwenti***

Il-Kunsill adotta regolament li jistabbilixxi l-programm Erkole III għall-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni ta' flus il-kontribwenti mill-2014 sal-2020 ([39/13](#) + [5586/14 ADD 1](#))¹. Dan isegwi qbil li ntlaħaq fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew.

Erkole III huwa mmirat lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, inklużi l-kuntribwenti tas-sigaretti u l-falsifikazzjoni. Il-programm jipprevedi assistenza teknika, bħal tagħmir speċjalizzat u teknoloġija tal-informazzjoni, taħriġ li jinkludi skambju tal-aħjar prattiki u azzjonijiet oħra. Il-pakkett finanzjarju tal-programm jammonta għal EUR 104.9 miljun (fi prezzijiet attwali) li tal-inqas 70 % minnhom huwa allokat għall-assistenza teknika u massimu ta' 25 % u 5 % għat-taħriġ u azzjonijiet oħra rispettivament.

Bħala bażi Erkole III għandu ż-żewġ programmi preċedenti Ekole I u Erkole II li kienu jkopru l-perijodi 2004-2006 u 2007-2013 rispettivament.

UE - Svizzera: Moviment liberu ta' persuni - Kroazja

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' protokoll għall-ftehim mal-Isvizzera, dwar il-moviment liberu ta' persuni, fir-rigward tal-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala parti kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ([14381/13](#)).

¹ Id-delegazzjoni Svediża astjeniet u d-delegazzjoni UK ivvutat kontra.

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Bank Ċentrali Ewropew

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li taħtar lil Sabine Lautenschläger bħala Viċi President tal-bord supervizzorju stabbilit reċentement tal-Bank Ċentrali Ewropew ([5933/14](#) + [COR 1](#) + [5932/14](#)).

Skont il-mekkaniżmu supervizzorju uniku (MSU) – wieħed mill-elementi prinċipali tal-unjoni bankarja tal-Ewropa –il-BĊE ser iwettaq superviżjoni diretta tal-banek fiż-żona tal-euro.

Għal aktar informazzjoni ara l-istqarrija għall-istampa [6336/14](#).

Kalkolu tal-aġġustament għar-riskju: Il-Kunsill mhuwiex biħsiebu joġġezzjona għall-att iddelegat

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għal regolament tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment, fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġi speċifikat il-kalkolu ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u dawk ġenerali.

Ir-regolament huwa att iddelegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, l-att jista' jidħol fis-seħħ, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

Ftehim dwar ir-riammissjoni bejn l-UE u l-Azerbajġan

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni ([15593/13](#), [15594/13](#))

It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Europol - Ħatra ta' Viċi Direttur

Il-Kunsill iddeċieda li jaħtar lis-Sur Wilhelmus Martinus bħala Viċi Direttur tal-Europol mill-1 ta' Mejju 2014 sat-30 ta' April 2018 ([5209/14](#)).

Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Arranġamenti dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni fl-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil¹ tal-Konfederazzjoni Svizzera ([18075/13](#), [18078/13](#)), il-Prinċipat ta' Liechtenstein ([18112/13](#), [18115/13](#)) ir-Repubblika tal-Islanda ([18122/13](#), [18123/13](#)) u r-Renju tan-Norveġja ([18139/13](#), [18140/13](#)).

Wara l-iffirmar, il-Kunsill iddeċieda wkoll li jibgħat id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Arranġamenti lill-Parlament Ewropew sabiex jagħti l-kunsens tiegħu.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (<http://easo.europa.eu/>) għandu rwol prinċipali fl-iżvilupp konkret tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Huwa ġie stabbilit bil-għan li jtejjeb il-kooperazzjoni Prattika fi kwistjonijiet tal-asil u jgħin lill-Istati Membri jwettqu l-obbligi Ewropej u internazzjonali tagħhom biex jipprovdut protezzjoni lill-persuni fil-bżonn.

PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

Programm tal-konsumaturi għall-2014-2020

Il-Kunsill adotta regolament li jstabbilixxi programm tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 ([PE-CONS 107/13](#)).

Il-programm huwa maħsub biex jikkontribwixxi għat-tkabbir billi liċ-ċittadini tingħatalhom is-setgħa li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq uniku permezz ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Huwa fih objettivi speċifiċi u ħdax-il azzjoni maħsuba biex jintlaħqu dawn l-objettivi bil-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-Konsumatur Ewropew.

L-Aġenda tal-Konsumatur, li kienet approvata mill-Kunsill f'Ottubru 2012², hija l-istrateġija tal-UE biex jingħata appoġġ lill-konsumaturi billi tiġi żgurata s-sikurezza tal-prodotti u li s-servizzi jsiru disponibbli għalihom, billi dawn jiġu infurmati u edukati, billi jingħata appoġġ lill-korpi li jirrappreżentawhom, billi jissaħħu d-drittijiet tagħhom, billi jingħataw aċċess għall-ġustizzja u għar-rimedju u billi jiġi żgurat l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar il-konsumatur.

Il-finanzjament għall-programm ser jammonta għal kważi EUR 200 miljun għall-perijodu ta' seba' snin.

¹ Regolament 439/2010 (*ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11*).

² (http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/intm/132794.pdf).

AMBJENT

Emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda

Il-Kunsill adotta regolament li jemenda r-regolament (UE) Nru [510/2011](#) bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda ([PE-CONS 106/13](#), [106/13 COR1](#), [5584/14 ADD 1](#)).

Mill-2020, hemm stabbilita mira ta' 147 g CO2/km għall-medja tal-emissjonijiet ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni.

Għal aktar informazzjoni, ara l-istqarrija għall-istampa [6265/14](#).

SUO INTERN

Riforma tal-akkwist pubbliku

Il-Kunsill adotta pakkett leġislattiv għall-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-UE, li huwa magħmul minn:

- direttiva dwar l-akkwist pubbliku (li tissostitwixxi d-direttiva [2004/18/EC](#)): ([PE-CONS 74/13](#) u [5862/14 ADD 1](#));
- direttiva dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u dawk postali (li tissostitwixxi d-direttiva [2004/17/EC](#)): ([PE-CONS 75/13](#)); u
- direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni: ([PE-CONS 73/13](#) u [5860/14 ADD 1 REV 1](#)).

Dan ir-rieżami, li huwa wieħed mit-tnax-il azzjoni ta' prijorità tal-Att dwar is-Suq Uniku, huwa eżami importanti tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku mal-UE kollha. Huwa ser iġib titjib f'firxa wiesgħa ta' oqsma relatati mal-akkwist ta' oġġetti, xogħlijiet u servizzi.

Għal aktar informazzjoni, ara l-istqarrija għall-istampa [6337/14](#).

Prodotti għall-bini

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament dwar il-kundizzjonijiet biex titqiegħed għad-dispożizzjoni f'websajt dikjarazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' prodotti għall-bini ([15823/13](#)).

Ir-regolament il-ġdid jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar elettroniku ta' dikjarazzjonijiet dwar il-prestazzjoni sabiex dawn ikunu disponibbli f'websajt. Dawn il-kundizzjonijiet jippermettu l-użu tat-teknoloġiji l-ġodda tal-informatika u jnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi tal-prodotti għall-bini u għas-settur kollu tal-bini b'mod ġenerali.

Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini, jobbliga lill-manifatturi li jikkompilaw dikjarazzjoni dwar il-prestazzjoni meta jitqiegħed fis-suq prodott għall-bini li jkun kopert minn standard armonizzat, jew jikkonforma ma' Valutazzjoni Teknika Ewropea maħruġa għal dak il-prodott. Għandha tingħata kopja ta' din id-dikjarazzjoni, jew fuq il-karta jew b'mezzi elettroniċi.

Ir-regolament huwa att iddelegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, l-att jista' jidħol fis-seħħ, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih.

POLITIKA KUMMERĊJALI

Antidumping - Diċjandjammidu - Ċina

Il-Kunsill adotta regolament li jirrevoka d-dazju antidumping fuq importazzjonijiet ta' diċjandjammidu li joriġinaw miċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont ir-regolament 1225/2009 ("ir-regolament bażiku dwar l-antidumping" tal-UE) ([5274/1/14 REV 1](#)).

Sistema ta' preferenzi ġeneralizzati - El Salvador, Gwatemala u Panama

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament li jżid lil El Salvador, il-Gwatemala u l-Panama mal-lista ta' pajjiżi li jibbenefikaw minn preferenzi tariffarji skont l-arranġament ta' inċentiv speċjali tal-UE għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba ("SGP+").

Ir-regolament huwa att iddelegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, l-att jista' jidħol fis-seħħ, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih.

Oġġetti b'użu doppju

Il-Kunsill ikkonferma qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew dwar abbozz ta' regolament maħsub biex ikunu jistgħu jiġu adottati atti ddelegati bil-għan li jiġu aġġornati ċerti annessi tar-Regolament 428/2009 dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju ([5480/14](#) + [5480/14 COR1](#) + [5480/14 ADD1](#) + [5480/14 ADD1 COR1](#)).

Il-qbil mal-Parlament intlaħaq fis-17 ta' Diċembru. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'Ottubru 2012 .

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ser tiġi adottata mingħajr diskussjoni f'laqgħa li jmiss, wara li jiġi ffinalizzat it-test. Imbagħad ser tintbagħat lill-Parlament biex tiġi adottata mingħajr emendi fit-tieni qari.

UNJONI DOGANALI**Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Armi tan-Nar**

Il-Kunsill approva l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-protokoll kontra l-Iffabrikar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali ([12324/13](#)).

Il-Protokoll dwar l-Armi tan-Nar, li daħal fis-seħħ fl-2005, huwa l-uniku strument legalment vinkolanti dwar l-armi l-ħfief f'livell dinji¹.

AGRIKOLTURA**Xorb spirituż - Emenda tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi**

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni ta' emenda tal-Kummissjoni għall-anness II għar-Regolament 110/2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż ([5178/14](#))

¹ <http://www.unodc.org/unodc/en/firearms-protocol/firearmsprotocol.html>

L-emenda għall-anness II ta' tagħgusta l-ispeċifikazzjonijiet tal-kategoriji ta' xi xorb spirituż bħal daww fil-:

- kategorija 16: spirti miksuba permezz tal-maċerazzjoni u d-distillazzjoni li għalihom tiġi estiża l-lista ta' frott jew berries użati f'din il-kategorija;
- kategorija 24: fejn l-oriġini tal-alkoħol etiliku użat fl-aquavit tiġi ddefinita aħjar.

Ir-regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-hekk imsejħa proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

TRASPORT

Operazzjonijiet tal-ajru ta' operaturi ta' pajjiżi terzi - rekwiżiti u proċeduri

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' operaturi ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament 216/2008 ([16870/13](#)).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li, issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottah, sakemm ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

TRASPARENZA

Aċċess pubbliku għad-dokumenti

Fil-11 ta' Frar 2014 il-Kunsill approva:

- it-tweġiba għall-applikazzjoni konfermatorja Nru 01/c/01/14 ([5048/14](#))
- it-tweġiba għall-applikazzjoni konfermatorja Nru 02/c/01/14 ([5051/14](#)).

ĦATRIET

Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kunsill ħatar lis-Sur Erik FLYVHOLM, is-Sur Bent HANSEN u s-Sur Simon Mønsted STRANGE (Danimarka) bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2015 ([5664/14](#)).

Kumitat skont l-Artikolu 255

Il-Kunsill ħatar lill-persuni li ġejjin bħala membri tal-kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu ta' erba' snin mill-1 ta' Marzu 2014 ([5475/14](#)):

- Is-Sur Jean-Marc Sauvé
- Is-Sur Luigi Berlinguer
- Is-Sinjura Pauliine Koskelo
- Lord Mance
- Is-Sur Péter Paczolay
- Is-Sur Christian Timmermans
- Is-Sur Andreas Vosskuhle.

Il-kompitu tal-kumitat skont l-Artikolu 255 huwa li jagħti opinjoni dwar kemm il-kandidati huma adegwati biex iwettqu l-obbligi ta' mħallfin u avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali qabel ma l-gvernijiet tal-Istati Membri jagħmlu l-ħatriet.
